# LEJN IL-50 SENA MILL-FTUĦ TAL-BAŻILKA (1957 ~ 2007)

## L-UŻU TAL-KNISJA TA' SAN FILIPPU BĦALA PARROĊĊA

*(It-tieni parti)*

### L-ARMAR TAL-KNISJA TA' SAN FILIPPU



Il-Knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu li għal 14-il sena serviet bħala Knisja Parrokkjali.

Kif rajna fl-artiklu tas-sena l-oħra, (*L-Isla: Leħen il-Parroċċa*, nru. 108, pġ. 3-10), bejn is-snin 1943 u 1957, il-Parroċċa ta' l-Isla kienet amministrata mill-Knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu, dik aktar magħrufa bħala ta' San Filippu. Dan sakemm il-Bażilka ta' Marija Bambina, li kienet sfat imġarrfa kważi għal kollox fi żmien il-gwerra, reġgħet inbniet mill-ġdid u nfetħet għall-Kult. Rajna illi l-Knisja ta' San Filippu hija Knisja ta' valuri kbar fl-istorja ta' beltna, u mogħnija b'patrimonju artistiku kbir. Grazzi għall-Oratorjani, illi minbarra l-ħidma pastorali kbira li kienu jwettqu f'dik ix-xaqliba ta' l-Isla, dejjem għamlu kull ma setgħu biex żejnu dan it-tempju kif jixraq, din il-Knisja hija mgħammra b'bosta opri ta' arti li bihom tiġi mżejjna fil-festi ewlenin tal-Knisja, u b'mod speċjali fil-festi titulari tal-Madonna tal-Portu Salvu u dik ta' San Filippu Neri. Nistgħu ngħidu bla tlaqlieq, illi bl-armar li jkollha fil-festi titulari, din il-Knisja hija armata b'mod li ma tagħmilx għajb lill-Knejjes Parrokkjali ta' Malta.

Fost affarijiet oħra, hemm tapizzerija tad-damask tal-ħarir magħruf bħala *tal-palma,* li sar ftit snin wara l-gwerra flok ieħor li kien spiċċa biż-żmien, tużell artistiku għal fuq l-artal maġġur b'ħafna xogħol ta' skultura, u bil-patalotti ta' l-arazzi imma li diżgrazzjatament ilu snin ma jiddendel, kandlieri ta' l-injam indurati għall-artali kollha, sett appostli għal fuq l-artal maġġur, ventartali sbieħ għall-artali kollha b'ħafna xogħol delikat ta' rakkmu tal-ħarir, settijiet ta' apparat liturġiku ta' materjal fin inkluż sett ta' l-arazzi, lampiera tal-fidda u karti tal-glorji tal-fidda wkoll għall-artali kollha, u oġġetti oħra tal-fidda għall-użu waqt il-funzjonijiet, bħal ngħidu aħna salib tal-kleru, akkolti, ċnieser, buqari, eċċ. (Grazzi għas-sagristan tal-Knisja ta' San Filippu u l-ħbieb ta' din il-knisja, dan l-armar kollu jista' jitgawda u jiġi apprezzat fil-jiem tal-festi ta' San Filippu u tal-Portu Salvu lejn l-aħħar ta' Mejju).

### L-ARMAR FIL-JIEM TAL-FESTA TAL-VITORJA

Imma l-iskop ta' din il-kitba, hu biex tingħata stampa ta' kif kienet tiżżejjen din il-Knisja

fil-jiem tal-festi tal-Bambina fis-snin bejn l-1944 u l-1956 li kienet l-aħħar sena li fiha saret il-festa tal-Vitorja f'dik il-Knisja. Kif kien naturali, sar l-akbar użu mill-armar rikk tal-Bażilka u ta' l-artali tagħha. Nagħtu l-ewwel daqqa t'għajn lejn l-armar fil-knisja u mbagħad naraw l-artali wieħed wieħed.



L-istatwa ta' Marija Bambina armata fil-Knisja ta' San Filippu bl-altar quddiemha. Wieħed jinnota l-armar tad-damask tal-kontropilastri tal-Bażilka. (Festa 1947).

***Tapizzerija:*** Peress li t-tapizzerija tal-Knisja ta' San Filippu kienet qdiemet ħafna, għall-ewwel erba' jew ħames snin, mal-pilastri kienu jdendlu il-pilastri tad-damask tal-kontropilastri tal-Bażilka. Peress li dawn huma qosra, kienu jitpoġġew wieħed fuq ieħor ħalli jġibu t-tul meħtieġ. Imbagħad, meta sar il-ġdid, beda jintrama dak. Mimbarra l-pilastri, kienu jintramaw tminn pari lunetti minn tal-korsija fuq l-arkati tal-korsija u tal-kappelluni, u ma' dawn l-istess tminn arkati kienu jiddendlu pavaljuni ta' taħt in-navati. Mal-pilastri maġenb l-artali laterali kienu jarmaw id-damask tal-Kappella tas-Sagrament li kien tal-ħarir minsuġ b'disinn ta' żbul u għenieqed ta' l-għeneb, u xi damask ieħor tal-kontopilastri.

***Il-Presbiterju:*** Fuq l-artal maġġur kien jiddendel it-tużell tal-Knisja ta' San Filippu, li kif rajna kellu ħafna xogħol ta' skultura, kien indurat bid-deheb, u kellu patalotti ta' l-arazzi. Minn fuq iċ-ċinta tal-pilastri kienu jiddendlu żewġ linef tal-kristall ta' fuq il-presbiterju tal-Parroċċa. Taħthom kien hemm żewġ gradenzini, dik li hija tal-Knisja ta' San Filippu, u oħra li kienet ta' l-artal tas-Sacro Cuor, u li llum titpoġġa fil-Kappella tas-Sagrament. Dawn il-gradenzini kienu jkunu miżgħuda b'oġġetti għall-użu liturġiku: sferi, akkolti, missali, eċċ. kollox tal-fidda. Naturalment ħdejn l-artal kien hemm post ukoll għall-umbrellun, it-tintinablu, il-mazza u mis-sena 1954 għall-istandard tas-Santwarju.



Il-gradenzina ta' San Filippu armata b'oġġetti għall-użu liturġiku.

***Korsija:*** L-aktar li kienet tispikka fil-korsija kienet l-istatwa Inkurunata ta' Marija Bambina fuq il-bradella tagħha, u bl-artal quddiema għall-Quddies. Il-vara kienet titqiegħed fir-rokna tal-pilastru maġġur pariġġ il-pulptu, u peress li l-ispazju ma kienx jippermetti, it-tarġa tal-bradella kienet tmiss eżatt mat-tarġa tal-presbiterju, u l-bradella kienet tisporġi kważi sa taħt il-lampier ta' l-artal maġġur.

Fil-korsija kienu jintramaw l-istendardi ta' l-erba' fratellanzi ewlenin u l-aktar importanti tal-Parroċċa: dawk tas-Sagrament u tat-Trinità mal-pilastri ħdejn l-għaxar u l-ħames stazzjon tal-Via Sagra rispettivament, u dawk tal-Kunċizzjoni u tal-Kurċifiss, mal-pilastri

ħdejn il-Kappella ċkejkna tad-Duluri. Fil-korsija u l-kappelluni, l-inkwatri tal-Via Sagra kienu jiżżejnu billi kienu jarmawlhom il-brazzi tal-metal arġentat tal-Via Sagra tal-Bażilka.


Dehra tal-Knisja ta' San Filippu armata għall-festa tal-Bambina fis-sena 1954. Ta' min wieħed jinnota t-tużell ta' San Filippu u t-tapizzerija ġdida tal-palma.

***Kappelluni:*** Fil-kappelluni kienu jiddendlu il-linef tal-kristall tal-Knisja ta' San Filippu. Fil-jiem tal-festa finniċċa tal-Kurċifiss, fejn f'dak iż-żmien matul is-sena kienet tkun esposta għall-qima l-istatwa Inkurunata ta' Marija Bambina, għall-festa kienu jpoġġu l-istatwa artistika tal-Kunċizzjoni. Fit-Tabernaklu ta' l-istess artal, mill-bidu tan-novena, kien jinżamm is-Santissmu Sagrament, biex l-artal maġġur ikun liberu biex fuqu jsiru iċ-ċerimonji tal-jiem tan-novena u tal-festa. Għalhekk maz-zukklaturi tal-kolonni ta' dan l-artal, kienu jintramaw il-par brazzi tal-fidda forma ta' puttini ta' anġli li jappartjenu lill-fratellanza tal-Kurċifiss, u li normalment jintramaw fl-Oratorju tal-Kurċifiss maġemb l-artal tar-Redentur. Fil-jiem meta fit-Tabernaklu kienet tinżamm l-Ewkaristija, dan kien jitgħatta b'kanipew tal-lama abjad irrakkmat bid-deheb, u li jappartieni lill-fratellanza tas-Sagrament, u li sakemm saret il-kustodja tal-fidda, kien jintrama fil-Kappella tas-Sagrament tal-Bażilka.

## L-ARMAR TA' L-ARTAL MAĠĠUR U DAWK LATERALI

Qabel naraw kif kienu jkunu armati l-għaxar artali tal-Knisja ta' San Filippu, irridu nifhmu illi biex kien possibbli illi dawn jintramaw bl-armar tal-artali tal-Bażilka, kien hemm bżonn ħafna ħsieb, peress illi l-artali ta' San Filippu huma iċken, u mhux dejjem kien possibbli li l-istatwetti joqogħdu bejn il-kandlieri bil-kumdità. Apparti dan, biex il-ventartali u s-sopratvalji l-irrakkmati jiġu armati puliti, ħafna drabi kien jeħtieġ illi jsiru tavlozzi ħalli jġibu l-qies. Ċertament illi l-ewwel darba li twebblu li jarmaw hekk, kien hemm bżonn ta' ħafna ħsieb u kejl ta' bosta qisien. Imma, ġannat minn hawn u rranġa minn hemm, dan l-armar sab postu, u b'ħilet hekk seta' jitgawda wkoll anke matul iż-żmien li matulu l-Bażilka kienet qed tinbena. Wieħed irid jifhem ukoll illi fiċ-ċirkostanzi kien impossibbli li fuq artal partikolari jitpoġġa l-armar tal-artal fil-Bażilka b'titular identiku. U l-anqas kien possibbli li l-armar ta' xi artal partikolari jitpoġġa kollu fuq l-istess artal.


L-artar maġġur kif armat għall-festa tas-sena 1949.

***L-artal maġġur:*** Il-prima ta' dan l-artal kienet tintrama bil-kandlieri u appostli ta' dak l-artal stess. Fis-sekonda

kienu jarmaw il-kandlieri pariġġ tal-prima, u bejniethom erba' statwetti ta' l-artal tal-Karmnu. Fuq it-Tabernaklu kien jitqiegħed il-pedestall tal-fidda tar-Relikwja, li mbagħad titqiegħed fuqu wara t-Transulazzjoni. Ventartal kien jintrama tal-maġġur l-antik, li minn meta saret it-Tribuna kien beda jitqiegħed fl-artal maġġur ta' l-Oratorju tal-Kurċifiss. Sopratvalja rrakkmata u karti tal-glorja tal-fidda, kienu ukoll dawk ta' l-artal maġġur l-antik li mill-Inkurunazzjoni marru fuq l-artal tad-Duluri. Peress illi l-ventartal u s-sopratvalja kienu kbar għal dan l-artal, kienu jsiru ġonot ħalli joqogħdu puliti. Missali kien hemm dawk tal-maġġur, wieħed fuq kull gradenzina, u lampier kien jiddendel dak ta' l-artal tar-Rużarju. Għal waqt it-Transulazzjoni u għall-Barka Sagramentali ta' lejlet il-festa u nhar il-festa, fuq il-mensa kienu jitpoġġew sett ta' sitt kandlieri tal-fidda bit-torċetti, li huma ta' l-artal tas-Sacro Cuor, u li llum jitpoġġew fuq l-artal tal-Bambina.

***L-artal tal-Kor:*** Il-prima kienet tintrama b'kandlieri tal-maġġur ta' San Filippu tas-sekondi festi, u bejniethom sett ta' erba' evanġelisti ta' l-istess knisja. Ventartal kienu jqiegħdu ta' l-artal tad-Duluri, sopratvalja ta' l-artal ta' San Dimitri, li kienet tal-kanavazzo d'oro, u karti tal-glorja tal-artal maġġur ta' San Filippu stess.

***L-artal tal-Kurcifiss:*** Peress li kif ġa għidna fit-Tabernaklu kien jinżamm is-Sagrament, l-armar kien aktar minn dak ta' l-artali l-oħra, bil-kandlieri kemm fuq il-prima kif ukoll fuq is-sekonda tiegħu. Dawn kienu ta' l-artal tal-Kappella stess. Imbagħad bejn il-kandlieri tal-prima kienu jqiegħdu erba' statwetti tal-Kappella, u fis-sekonda sett ta' erba' fjurieri tal-fidda bil-fjuri friski. Ventartal kien joqgħod dak ta' l-artal ta' San Ġużepp, imma karti tal-glorja, lampier u missal kienu jkunu tal-Kappella. Fuq dan l-artal ma kinetx titpoġġa sopratvalja, peress illi dak iż-żmien kienet issir il-Barka Sagramnetali tul in-Novena kollha fuqu, u t-Tqarbin kien isir ukoll fuq dan l-artal u kien ikun spiss. Fil-fatt anke fil-Kappella tas-Sagramnet tal-Bażilka qatt ma kien ikun hemm sopratvalja bħal fuq l-artali l-oħrajn.

***L-artal tal-Madonna tal-Guadalupe:*** Fuq il-prima ta' dan l-artal kienu jitpoġġew il-kandlieri tas-sekonda tal-festa tal-artal tat-Trinità, u salib tas-sekondi festi ta' l-artal ta' San Ġużepp, li kien tal-ebbanu u li kellu l-korp tal-Kurċifiss u rjus tas-salib tal-fidda. Bejn il-kandlieri, kienu jqiegħdu erba' statwetti minn tal-artal ta' San Franġisk. Ventartal, lampier (tal-fidda tas-sekondi festi), sopratvalja, karti tal-glorja u missal kollox ta' l-artal tar-Rużarju.

***L-artal tal-Madonna ta' Lourdes:*** Fuq il-prima kienu jitpoġġew il-kandlieri tal-prima ta' l-artal tat-Trinità, u bejniethom l-istatwetti ta' San Dimitri. Ventartal kien ikun dak tal-Katina, lampier ta' Sant' Anna, u sopratvalja, karti tal-glorja u missal dawk ta' l-artal tat-Trinità.

***L-artal ta' San Filippu Neri:*** Ngħidu l-ewwel ħaġa li matul is-sena kollha fuq dan l-artal kienet tkun esposta fin-niċċa tagħha l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Għalhekk ħafna mill-armar kien ikun ta' dak l-artal: kandlieri, statwetti, sopratvalja, karti tal-glorja

u missal. Ventartal kien jitpoġġa ta' l-artal tat-Trinità, u lampier dak tal-maġġur tal-festa ta' San Filippu, li skond ix-xewqa tal-benefattur, fil-festa tal-Vitorja jiddendel quddiem l-artal ta' San Franġisk fil-Bażilka.

*L-artal tal-Madonna tal-Karmnu:* Fuq dan l-artal ukoll kienu jitpoġġew ħafna mill-armar tal-artal tal-Karmnu tal-Bażilka. Ta' dan l-artal kellu il-kandlieri, sopratvalja, karti tal-glorja u missal, filwaqt li kellu ventartal tas-Sacro Cuor, u statwetti ta' San Ġużepp.

*L-artal ta' San Ġwann Battista:* Dan l-artal kien jintrama bil-kandlieri ta' l-artal ta' San Ġużepp, statwetti ta' l-artal ta' l-Ispirtu s-Santu, ventartal, soprotvalja u missal ta' Sant' Anna, u karti tal-glorja ta' San Dimitri.

*L-artal ta' San Mikiel Arkanġlu:* Dan l-artal kien ikollu kandlieri tas-sekondi festi tal-artal tas-Sacro Cuor, li huma tal-metall arġentat, u salib tas-sett tal-prima tal-kappella tas-Sagrament. Bejniethom kienu jitpoġġew l-istatwetti ta' l-artal tat-Trinità, ventartal tal-Kappella tas-Sagramnent, karti tal-glorja ta' Sant' Anna, missal tal-Katina u sopratvalja tas-sekondi festi tas-Sacro Cuor, li hi tal-bellus imma mhux irrakkmata.

*L-artal tat-Twelid ta' Ġesù (San Ġużepp):* Fuq dan l-artal kienu joqogħdu il-kandlieri tal-artal tal-Katina. Bejniethom kien hemm taħlita sħiħa ta' statwetti, tnejn tal-artal tal-Karmnu, tnejn tal-Kappella tas-Sagrament, u tnejn ta' l-artal ta' San Franġisk, u cioè dawk li ma kinux sabu post fuq l-artali l-oħra. Kien ikollu l-ventartal tal-Karmnu, u sopratvalja, karti tal-glorja u missal ta' San Ġużepp.

*L-artal tal-Bambina:* Dan kien l-uniku artal illi kien jintrama bl-armar kollu propju tiegħu: kandlieri, fjurieri, karti tal-glorja, missal u sopratvalja, kollox l-istess kif kien jintrama qabel il-gwerra fil-Bażilka.

Dan hu kif kienu jkunu armati b' mod ġenerali l-artali. Iżda jrid jiżdied illi fil-korsija quddiem l-artali tal-Karmnu, San Ġwann, San Mikiel u San Ġużepp kienu jiddendlu lampiera tal-fidda tal-Knisja ta' San Filippu. Ma' dawn, u fil-fatt mal-lampiera kollha kienu jiddendlu fjokkijiet li jappartjenu lill-Knisja ta' San Filippu.

Inżid illi fuq is-sekonda ta' l-artali kollha kienu jitpoġġew żewġ kandlieri żgħar tal-fidda tal-artali tal-Bażilka bix-xemgħa fihom. Dawn ix-xema' kienu jinxtegħlu lejlet il-festa wara l-Barka Sagramentali, u wara li jintfew ix-xema' tal-prima, sakemm tagħlaq il-knisja, u nhar il-festa fil-għodu fil-ħin li fuq dawn l-artali, skond l-użanza ta' dak iż-żmien, kienu jitqaddsu ħafna quddisiet fuqhom. Dan il-quddies kien jitqaddes minn diversi saċerdoti u patrijiet Sengleani u saċerdoti oħrajn illi fil-jum tal-Vitorja kienu jiġu jqaddsu fl-Isla. Ta' min jinnota iżda, illi quddies fuq l-artal maġġur ma kienx isir minħabba il-funzjonijiet tal-Kapitlu. Lanqas kien isir quddies fuq l-artal tal-Kappella peress li kien isir it-Tqarbin fuq dan l-artal spiss u mhux bħal-lum waqt il-Quddiesa biss.

Ta' min iżid ukoll, illi peress li l-quddies għandu jitqaddes fuq terha bajda, lejlet il-festa, wara li kienet tagħlaq il-knisja, is-sopratvalji kienu jitneħħew, u jiġu stivati fuq l-artali ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel, u jerġgħu jitpoġġew fuq l-artali rispettivi tagħhom nhar il-festa wara li jkun spiċċa l-quddies, imma qabel ma tibda il-Quddiesa Solenni tal-festa.

Jekk wieħed innota sew, ħlief għall-ventartal u s-sopratvalja, l-armar ta' l-artal tad-Duluri ma ssemmiex. Dan għaliex l-armar ta' dak l-artal kien jitpoġġa fuq l-artal maġġur ta' l-Oratorju tal-Kurċifiss, li ukoll kien ikun armat għall-festa. Ma kinux jintramaw ikoll l-istatwetti ta' l-artal tar-Rużarju peress li huma kbar, u ma setgħu joqogħdu fuq ebda artal. Iżda kienu jintramaw fuq l-artal maġġur għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju, meta ma' l-istess artal kienu jqiegħdu wkoll il-ventartal tal-fidda ta' l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

*Armar tas-sagrestija:* Għad illi s-sagrestija ta' San Filippu hija relattivament żgħira, fiha kien jintrama ħafna armar żgħir li normalmrent kien jintuża waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Hemmhekk, fuq l-armarjijiet, kien jitpoġġa l-appart tal-festa tal-lama bajda irrakkmat bid-deheb – seba' kapep, tliet tuniċelli u pjaneta – u mad-dawra tal-bankun tan-nofs, jitpoġġew il-pjaneti tal-lama safra li kienu jilbsu s-saċerdoti għall-quddies nhar il-festa. F'nofs il-bankun jitpoġġew għadd ta' kalċijiet bil-lest għall-użu meta u kemm ikun hemm bżonnhom.

Wieħed jifhem illi minħabba ċirkostanzi ta' ċokon, kien hemm ħafna armar ieħor illi ma kienx jintuża jew jiġi espost. Dan illum jista' jitgawda fil-jiem tal-festi tal-Vitorja, meta jkun espost f'vetrini apposta għalihom fis-sagrestija tal-Bażilka.

## L-ARMAR FIL-FESTI L-OĦRAJN

Ta' min iżid illi, kif rajna fil-bidu ta' din il-kitba, fil-festi prinċipali tal-Knisja, jiġifieri Milied, l-Għid il-Kbir, Pentekoste u Korpus, il-knisja kienet tintrama bl-armar tal-knisja ta' San Filippu stess. Iżda fil-Milied u f' Korpus, ma' l-artal maġġur, kien jitpoġġa l-ventartal tal-fidda ta' l-artal tal-Katina. Barra minn hekk, tajjeb jingħad li f'Korpus u fil-jiem tal-Kwaranturi, fuq l-artal maġġur kienet tintrama' l-ġilandra ta' l-Oratorju tal-Kurċifiss u li sal-lum għadha tintuża waqt l-Kwaranturi li jsiru fil-Parroċċa fl-aħħar jiem tas-sena. Dan il-ventartal ġieli tpoġġa wkoll f' xi okkażjonijiet oħra, bhal ngħidu aħna fil-festi tas-Sena Marjana (1954). Inżid wkoll illi f'dawn il-festi fuq il-prima tal-maġġur kienu jitqiegħdu is-sett ta' sitt statwetti ta' Appostli ta' l-artal ta' l-Ispirtu s-Santu. Tajjeb ukoll li wieħed ifakkar illi wara l-gwerra mill-Bażilka tnaqqsu żewġ artali, dawk ta' l-Ispirtu s-Santu, u dak ta' San Dimitri. L-armar li kellhom dawn iż-żewġ artali, u li irriferejt għalieħ f'din il-kitba, marru għall-użu ta' l-artali l-oħrajn.

## PUNTI OĦRA TA' INTERESS

*Purċissjonijiet:* Fiż-żmien li qegħdin naraw dwaru, il-purċissjonijiet fl-Isla, kienu ħafna

aktar numerużi u spissi mil-lum. Dawn il-purċissjonijiet kienu jieħdu rotta opposta għal dik ta' llum, billi wara li joħorġu minn San Filippu, kienu jgħaddu l-ewwel minn Triq iż-Żewġ Mini, iduru minn Pjazza Mitrovich, għal Triq l-Arċisqiof Mattei, Pjazza Papa Benedittu XV, u Triq il-Vitorja lura għall-Knisja ta' San Filippu. Din ir-rotta kienet għall-purċissjonijiet prinċipali, jiġifieri l-Gimgħa l-Kbira, Korpus u l-Bambina, b'din ta' l-aħħar tinżel ix-Xatt minn Triq id-Duluri, u titla' lura minn Triq il-Maċina . Il-purċissjonijiet l-oħra kollha kienu jieħdu rotta aqsar billi minn nofs Triq iż-Żewġ Mini jgħaddu għall-Triq il-Vitorja minn Triq il-Mina tax-Xatt.



Il-purċissjoni tar-Redentur ta' Ġunju għaddejja minn Triq iż-Żewġ Mini, l-oppost għall-mod kif tgħaddi llum.

B'rabta mal-purċissjonijiet naraw illi l-istatwi li kienu joħorġu purċissjoni, jiġifieri tal-Madonna tar-Rużarju, il-Kunċizzjoni, ir-Redentur (f'Ġunju), u Santu Rokku, kienu jintramaw fl-istess post fejn kienet titqiegħed il-Bambina. Il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu jkunu mferrxin mal-knisja kollha, filwaqt illi l-istatwa tat-Trinità u dik tas-Santu Kruċ kienu jintramaw fl-Oratorju li hemm ħdejn il-Knisja ta' San Filippu. Il-purċissonijiet kollha, ħlief dik tal-Bambina, kienu joħorġu mill-bieb li hemm f'nofs il-korsija u li jiġi fuq iz-zuntier tal-Knisja.

***L-użu ta' l-oratorju ta' San Filippu:*** L-Oratorju anness mal-knisja ta' San Filippu, kien iġġarraf fil-gwerra, imma inbena mill-ewwel. Fiċ-ċirkostanzi li kienu fihom, jiġifieri, li għal żmien mhux ħażin San Filippu kellu jservi bħala Parroċċa, ġie maħsub illi l-bieb ta' dan l-Orartorju ikun kbir biżżejjed biex l-istatwi l-kbar tal-puċissjonijiet ikunu jistgħu jinħarġu minn hemm għall-purċissjonijiet peress illi l-bibien tal-Knisja ma kinux kbar biżżejjed. Allura minn dak l-Oratorju kienu joħorġu l-vari tas-Santu Kruċ, tat-Trinità, li fil-fatt kienet tinżamm matul is-sena kollha f'dak l-Oratorju, kif ukoll il-vari l-kbar tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn kienu jintramaw ma' l-oħrajn fil-Knisja, imbagħad nhar il-Ġimgħa l-Kbira wara nofs in-nhar, b'ħafna skariġġ u tbatija, il-vari ta' l-Ort, il-Vara l-Kbira u d-Duluri, kienu jinħarġu im-kaxkrin mill-Knisja u jitpoġġew fl-Oratorju bil-lest għall-purċissjoni. Il-Vara l-Kbira kien



L-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni armata fil-Knisja ta' San Filippu fis-sena 1955. Tajjeb wieħed jinnota fl-isfond l-artal ta' San Filippu Neri bl-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor fuq il-prima tiegħu.

ikollhom saħansitra iżarmawha biċċa biċċa, jarmawha fuq iz-zuntier u jdaħħluha sħiħa fl-Oratorju bil-lest għall-ħruġ tal-purċissjoni.



L-istatwa ta' Kristu nkurunat bix-xewk hierġa mill-bieb ta' nofs il-kursija tal-Knisja ta' San Filippu. (Ġimgħa l-Kbira 1952).

Mill-Oratorju kienet toħroġ ukoll il-purċissjoni tat-Transulazzjoni tar-Relikwa lejlet il-festa tal-Bambina. Din il-purċissjoni kienet tibda minn fuq l-artal ta' dan l-Oratorju, li kien ukoll ikun imżejjen għall-okkażjoni, u tidħol fil-knisja mill-bieb maġġur, li minnu l-għada kienet toħroġ il-pucissjoni tal-Bambina. Kif ġa għidna il-purċissjoni tal-Bambina ma kinetx toħroġ mill-bieb tal-ġenb imma minn dak maġġur. Dan seta' jsir billi kien jintrama taraġ tal-fallakki ħoxnin fuq armar ta' travi tal-ħadid, u li kien wiesa' u ta' saħħa bizzejjed ħalli tgħaddi il-vara tal-Bambina minn fuqu. Ta' min iżid illi waqt il-ħruġ u d-dħul tal-Bambina, kien ikun hemm bżonn illi jiżżarmaw il-lasti tat-truf tal-bradella, inkella xorta ma kienx hemm spazju biżżejjed biex tkun tista' ddur.



Il-ħruġ tat-Transulazzjoni mill-Oratorju ta' San Filippu mmexxija mill-Isqof Emm. Galea.

***L-użu tal-Kunvent:*** Fl-artiklu tas-sena l-oħra, kont ktibt illi żewġ kmamar tal-Kunvent kienu jintużaw direttament mill-Kapitlu. Illum naraw kif ħafna mill-armar tal-Bażilka – dak kollu li ssemma aktar qabel u hafna ieħor li ma kienx jintuża - kien jintrafa' fi kmamar oħra tal-Kunvent. Kollox kien ikun stivat bil-għaqal, imma minħabba l-ispazju ristrett, ħafna affarijiet kienu fuq xkaffar fuq xulxin li kważi jlaħqu sas-saqaf. Niftakru illi ma' dak kollu li semmejna qabel, kien hemm il-lampiera ta' l-artali kollha, l-istatwi tal-Kunċizzjoni, tal-Madonna tar-Rużarju, u ta' Santu Rokku bil-pedestalli tagħhom, il-vara sħiħa tas-Santu Kruċ, anġli, salib u pedestall, l-apparat l-irrakkmat u l-ħafna apparti liturġiċi oħra, stendardi tal-fratellanzi u armar tal-purċissjonijiet, is-salib tal-Via Sagra, kif ukoll ħafna armar tal-artali tal-festi sekondarji, jiġifieri kandlieri tal-injam, fjuretti u ventartali. Dawn il-kmamar tal-Kunvent kienu wżati verament għall-massimu tagħhom. Ma rridux ninsew illi kien hemm ukoll l-armar tal-Knisja ta' San Filippu li ried l-ispazju tiegħu ukoll.



Il-ħruġ tal-Bambina mill-bieb maġġur ta' San Filippu. Jidher sew it-taraġ proviżorju li kien jintrama għall-okkażjoni

***L-użu tal-kannirja:*** Taħt il-Kunvent hemm sotterran spazjuż u arjuż ħafna li l-istess bħall-Kunvent idur madwar il-bitħa ċentrali. Fil-kurituri ta' dan is-sotterran, li kulħadd jafu bħala *il-kannirja*, kien jiġi stivat l-armar li kien iżejjen it-triqat ta' l-Isla matul il-jiem tal-festa. Kien hemm antanjoli, statwi ta' profeti u anġli, kolonni, pilandri, il-planċier tal-banda u ħafna armar ieħor. Imma kien isir użu wkoll mill-kamra kbira li fi żmien l-Oratorjani kienet isservi bħala refettorju. Fiha kienu jinżammu il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, (ħlief għar-Redentur, il-Kurċifiss u l-Monument), l-istatwa ta' San Ġużepp bil-pedestall u l-bradella, il-pedestalli ta' l-istatwi tal-Madonna tal-Katina u tal-Madonna tal-Karmnu, u armar ieħor li ma kienx hemm post għalih fil-kmamar tal-Kunvent. Fl-istess refettorju, imdendlin ma' grampuni mat-travi, kien hemm il-ħafna fjokkijiet tal-linef u l-lampiera tal-Bażilka. Kien ikun hemm ukoll il-bradelli u l-armar kollu tal-vari u tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, bħal lasti, blat, brazzi, fanali eċċ.

***Is-sagristan:*** Tajjeb li nagħlqu din il-kitba billi nfakkru li f'dan iż-żmien li qed naraw fuqu, is-sagristan kien Ġiljanu Camilleri, u li kien jieħu ħsieb ukoll il-Knisja ta' San Ġiljan. Għad illi huwa kellu l-għajnuna ta' bosta dilettanti, il-piż tal-armar kien prinċipalment fuqu. Diżgrazzjatament, dan Ġiljanu miet b'kawżi naturali, fil 25 ta' Awissu 1954, sewwasew fiż-żmien li kien qed jarma l-Knisja għall-festa tal-Bambina ta' dik is-sena. Sakemm instabet persuna għall-sagristan, ħadu ħsieb il-Knisja diversi persuni, l-aktar fosthom Ċikku Caruana, u Ġużeppi Baron. Imbagħad daħal sagristan Karmenu Mamo, li baqa' sagristan f'San Filippu ukoll wara li l-Parroċċa irritornat fil-Knisja tal-Vitorja f'Awissu 1957.

***L-aħħar funzjoni f'San Filippu:*** L-aħħar funzjoni li saret f'San Filippu kienet dik tat-tnax u l-aħħar Sibt bi tħejjija għall-festa tal-Bambina. Dan kien nhar is-Sibt 24 ta' Awissu 1957, sewwa sew dak in-nhar stess, li fil-għodu kienet ġiet ikkonsagrata mill-ġdid il-Bażilka. Dak in-nhar fil-għaxija, kif kien xieraq, kien mexxa l-funzjoni tas-Salve u l-Barka Sagramentali, l-Arċipriet Burlò, wara li s-saċerdot Dun Willie Bailey kien għamel l-aħħar priedka bit-tema "L-imħabba u d-devozzjoni lejn il-Bambina min-nies ta' l-Isla, tul iż-żminijiet".

L-għada il-Ħadd 25 ta' Awissu sar it-trasport tal-Bambina minn San Filippu għall-Vitorja, u fost xeni ta' entużjażmu u ferħ, ġiet inawgurata mill-ġdid il-Bażilka. Imma fuq dan kollu, jekk Alla jrid, naraw is-sena d-dieħla.

*Dan li ktibt huwa intiż biex wieħed jieħu idea ta' kif kienet tiżżejjen il-Knisja ta' San Filippu fil-jiem tal-festi tal-Vitorja. Ktibtu f'din l-okkażjoni meta l-festa tal-Bambina saret għall-aħħar darba f'San Filippu ħamsin sena ilu, u qabel ma l-memorja tibda tintefa' u dan kollu jintemm darba għal dejjem. Hija tassew ħasra illi ma tantx hawn fl-idejn ritratti li juru u jiddokumentaw b'mod viżwali, dak li għadni kif ktibt dwaru.*

***Mario Caruana***